

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1223/2013

tad-29 ta' Novembru 2013

li jipprovdi għal tnaqqis mill-kwota tas-sajd għas-salamun allokata lill-Polonja fl-2013 u fis-snin sussegwenti fis-subdiviżjonijiet 22-31 tal-ICES minħabba sajd eċċessiv fl-2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Kienet allokata kwota tas-sajd għas-salamun tal-Atlantiku fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-31 tal-ICES lill-Polonja għall-2012 mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1256/2011 <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-Kummissjoni sabet li kien hemm xi inkonsistenzi fid-dejta Pollakka dwar is-sajd għas-salamun fl-2012 b'kontroverifika mad-dejta rreġistrata u rrapportata f'sajdjet spezzjonati u oħrajn mhux spezzjonati. Dawn l-inkonsistenzi fir-rappurtar tal-kompożizzjoni tal-qabda komplew ġew ikkorroborati bit-tweqqiq ta' diversi missjonijiet ta' awditjar u verifika fil-Polonja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Bl-evidenza miġbura, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi li dan l-Istat Membru qabeż il-kwota tas-salamun tiegħu għas-sena 2012 b'1 776 biċċa tas-salamun.
- (3) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbilixxiet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokatil lill, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

- (4) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprovdi li t-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għandu jsir għas-sena jew is-snin ta' wara.
- (5) Jinħtieġ li t-tnaqqis meħtieġ sabiex jagħmel tajjeb għal dan is-sajd eċċessiv isir fuq il-kwota allokata lill-Polonja għas-salamun tal-Atlantiku fl-2013. L-ammont ta' sajd eċċessiv huwa kkwantifikat mill-Kummissjoni għal anqas minn 100 tunnellata. Skont l-aħħar sentenza tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 105, l-ebda fattur ta' multiplikazzjoni ma għandu għalhekk jiġi applikat lit-tnaqqis.
- (6) Madankollu, jekk minħabba l-konsum tal-kwota tal-2013 fil-waqt tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ma jkun possibbli li jsir għal kollox it-tnaqqis tal-ammonti dovuti, kull kwantità li jibqa' għandha titnaqqas mill-kwota tas-salamun tal-Atlantiku li tista' tiġi allokata lil dan l-Istat Membru fl-2014, f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 <sup>(3)</sup>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-kwota tas-sajd għas-salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-31 tal-ICES allokata lill-Polonja fl-2013 mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1256/2011 għandha titnaqqas kif jidher fl-Anness.

## Artikolu 2

Jekk it-tnaqqis li għandu jiġi applikat skont l-Artikolu 1 ikun ogħla mill-kwota tas-sajd li tkun għadha disponibbli u t-tnaqqis ma jkun jista' jsir kompletament fl-2013, il-kwantitajiet li jifdal għandhom jitnaqqsu mill-kwota tas-sajd għas-salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-31 tal-ICES li tista' tiġi allokata lill-Polonja fl-2014.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 320, 3.12.2011, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU C 72, 10.3.2012 p. 27.

## ANNEX

Stokk	2012				Tnaqqis fl-2013
	Kwota inizjali	Kwota addattata	Qabdiet stabbiliti	Differenza bejn il-kwota u l-qabdiet (sajd eċċessiv)	
SAL/3B23.; SAL/3C22.; SAL/3D24.; SAL/3D25.; SAL/3D26.; SAL/3D27.; SAL/3D28.; SAL/3D29.; SAL/3D30.; SAL/3D31.	7 704	7 704	9 493	- 1 776	1 776